MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 367/2000/2

**Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**1. Dottor Raymond Zammit u l-P.L. Victor Bugeja nominati b'digriet tal-14 ta' Lulju 1999 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Christopher Fenech**

**2. Stella Vassallo**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar jekk l-appell interpost mill-konvenuta Stella Vassallo ghandux jigi dikjarat dezert peress li l-kawtela ma gietx depozitata fiz-zmien li trid il-ligi, u cioe` fiz-zmien stabbilit fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 249 tal-Kap. 12.

Dak li gara f'din il-kawza kien li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-Tnejn, 6 ta' Dicembru 2004. Sa jum qabel dik id-data, il-kawtela kienet ghadha ma gietx depozitata. Is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2004 giet differita kollha ghall-15 ta' Dicembru 2004. Fis-7 ta' Dicembru 2004 l-appellanti pprezentat rikors sabiex tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

Din il-Qorti ezaminat id-disposizzjonijiet kollha relevanti – inkluz l-Artikolu 250 tal-Kap. 12 citat mill-appellanti fir-rikors taghha tas-7 ta' Dicembru 2004 – u ma tarax kif tista' ma tiddikjarax dana l-appell bhala dezert. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet "Road Servicing Ltd v. General Road Services Ltd" il-kawtela trid tigi depozitata mill-anqas jum qabel id-data li tkun giet stabbilita fl-avviz tas-smigh – f'dan il-kaz din id-data kienet is-6 ta' Dicembru 2004. Dan ma sarx. Kien biss jum <u>wara</u> din id-data, u cioe` fis-7 ta' Dicembru 2004, li gie prezentat ir-rikors ghall-"cautio iuratoria". Evidentement biex tali rikors ikollu l-effett li jwaqqaf il-htiega, anke jekk biss temporaneament, tad-depozitu kif fuq imsemmi dan ikun irid gie prezentat ukoll sa mill-anqas jum qabel id-data stabbilita fl-avviz tas-smigh.

Konsegwentement tiddikjara l-appell dezert fit-termini ta' l-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12 u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------